MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2009

Avviz Numru. 373/2009

**L-Avukat Dottor Victor Emanuel Ragonesi**

**vs**

**Juliet Ebele Tanti**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tar-rikorrent ghall-kundanna tal-intimata ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' sebat elef erba' mija u tmienja u hamsin Ewro u erbgha u hamsin centezmi (€7,458.54), bilanc minn ammont ikbar dovut minnha lir-rikorrenti, liema ammont jinkludi, izda mhux biss,**

**(a) is-somma ta' sitt elef disa' mija tmienja u tmenin Ewro u tnax-il centezmu (€6,988.12) moghtija lilha permezz ta' zewg pagamenti, wiehed ta' erbat elef sitt mija tmienja u hamsin Ewro u hamsa u sebghin**

**centezmi (€4,658.75) fit-22 ta’ Mejju tas-sena 2007 u iehor ta’ elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmi (€2,329.37) fil-15 ta’ Frar tas-sena 2008;**

**u**

**(b) hlasijiet maghmula mir-rikorrenti ghan-nom taghha fl-ammont ta’ erba’ mija tmienja u sittin Ewro u hamsa u tletin centezmi (€468.35) u dan ghar-rigward tal-vettura tal-intimata bil-pjanca ta’ registrazzjoni ittri “I” “A” “I” numri wiehed tlieta sitta (IAI-136);**

**Illi originarjament, l-ammont komplessiv dovut mill-intimata lir-rikorrenti kien ta’ tmint elef disa’ mija erbgha u hamsin Ewro u sebgha u erbghin centezmi (€8,954.47), mill-liema ammont, hija hallset is-somma ta’ elf erba’ mija tmienja u disghin Ewro (€1,498) f’diversi okkazzjoniet. Minkejja li hi giet interpellata diversi drabi sabiex thallas, baqghet inadempjenti;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, inkluz dawk tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju numru 2852/2009 kontra l-intimata, li hija ingunta in subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tar-rikorrent sabiex l-inimata twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment l-intimata naqset u ma deheritx, la fis-17 ta’ Novembru tas-sena 2009 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tar-rikorrent L-Avukat Dottor Victor Emanuel Ragonesi u tikkundanna lill-intimata Juliet Ebele Tanti thallas is-somma ta’ sebat elef erba’ mija u tmienja u hamsin Ewro u erbgha u hamsin centezmi (€7,458.54) lir-rikorrent;**

**Bl-ispejjez kif dedotti kontra l-intimata Juliet Ebele Tanti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------